ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 01 IT-TLIETA 03 TA' APRIL 2012**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 03 ta' April 2012 fis-7.10 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsillier)**

Ralph Puli, Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Jason Busuttil, Carmel Farrugia, Jerome Caruana Cilia, Margaret Mercieca, Antoine Saliba u Sean Meli.

**TALBA**

Iċ-*Chairman* Charles Farrugia bħala l-aktar kunsillier anzjan skont l-artikolu 25 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

**01/01 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' SINDKU**

**Iċ-Chairman Charles Farrugia** talab lill-**Kunsillier Rosianne Cutajar** jekk taċċettax il-ħatra ta' Sindku.

**Il-Kunsillier Rosianne Cutajar** qrat u iffirmat d-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku.

**Iċ-Chairman Charles Farrugia** iddikjara **lil Rosianne Cutajar** Sindku ta' Ħal Qormi.

**Iċ-Chairman Charles Farrugia** ppreżenta u libbes l-Insinja ta' Sindku lis-Sinjorina Rosianne Cutajar.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** irringrazzjat lill-Kunsilliera kollha preżenti u kompliet tippresiedi l-laqgħa.

## 01/02 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' VIĊI SINDKU

Is-Sindku Rosianne Cutajet saqsiet lill-**Kunsillier Jesmond Aquilina** jekk jaċċettax il-ħatra ta’ Viċi Sindku.

**Il-Kunsillier Jesmond Aquilina** qara u ffirma d-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta’ Viċi Sindku, u s-Sindku ddikjaratu bħala Viċi Sindku ta' Ħal Qormi.

**Il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina** irringrazzja lill-membri kollha preżenti.

Il-Kunsill qabel unanimament biex tigi sospiza l-laqgħa ħalli is-Sindku u l-Viċi-Sindku jieħdu l-ġurament ta’ ħatra fil-preżenza tal-Kummissarju għall-Ġustizzja Dr Ian Micallef.

## 01/03 DISKORS TAS-SINDKU

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** indirizzat l-ewwel diskors tagħha li jikkonsisti f’dan li ġej:-

Sħabi kunsillieri, Sur Segretarju, Sinjuri insellmilkom.

Issa li l-poplu għamel l-għażla tiegħu u eleġġiena b’mod demokratiku fil-karigi rispettivi tagħna qegħdin hawn ilkoll flimkien madwar din il-mejda bħala grupp wieħed bl-għan ewlieni tagħna jkun dak li nservu lic-cittadini tal-lokalita tagħna, Ħal-Qormi.

Nixtieq nibda dan id-diskors billi bħala ċittadina ta’ Ħal Qormi nuri r-ringrazzjament tiegħi lill-kunsill preċedenti, li serva b’għaqal tul din l-aħħar leġislatura.

Ringrazjament mill-qalb imur għal dawk l-kunsilliera li llum m’għandhomx jiffurmaw parti minn dan il-kunsill fosthom l-ex Viċi Sindku Kenneth Busuttil, Dennis Zammit, Jeffrey Camilleri u Thomas Harmsworth, Angelo Briffa u Simon Vella Gregory.

Nieħu l-opportunita’ biex filwaqt li nsellem u nriringrazzja lis-Sur John Farrugia, is-Segretarju Eżekuttiv li għadu kif temm il-kariga tiegħu nsellem u nagħti merħba lis-Sur Kenneth Brincat, is-Segretarju Eżekuttiv ġdid.

Nixtieq ukoll nagħti merħba lill-Kunsilliera il-ġodda, Charles Farrugia, Sean Meli, Antoine Saliba, Jerome Cilia u Robert Cremona.

S’intendi rrid nirirngrazzja wkoll lill-Kunsilliera li kienu fil-Kunsill preċedent u għadhom magħna, Bjorn Azzopardi, Jason Busuttil, Margaret Mercieqa u Ralph Puli.

Ninsab konvinta li l-Kunsill il-ġdid, b’enerġija u ideat ġodda mill-kunsilliera żgħażagħ flimkien mal-esperjenza tal-kumplament tal-kunsilliera ser nkunu qegħdin naħdmu f’sinerġija sħiħa b’impenn u dedikazzjoni.

Qabel nibda nsemmi l-oqsma li fihom ha nkunu qed naħdmu, xtaqt nirrringrazzja b’mod pubbliku lil Jesmond Aquilina tal-ħidma sfieqa li wettaq tul dawn l-aħħar snin.

Ix-xogħol li sar mill-Kunsill preċedenti jidher u taħt it-temxxija tiegħi, ilkoll flimkien bi ħsiebna nkompli naħdmu fuq dak li sibna filwaqt li nħallu Ħal Qormi aħjar lil ta warajna.

L-ewwel u qabel kollox f'dawn it-tlett snin li ġejjin ħa nkunu qed nassiguraw li l-wegħdiet fil-programm elettorali jitwettqu. B'mod speċjali irridu naħdmu sabiex inkunu aktar qrib il-poplu, fuq in-naħa tal-familji u kontra l-burokrazija.

**Infrastruttura**
Bla dubju ta' xejn ħa nkomplu bil-ħidma fuq għadd ta' proġetti infrastrutturali bħal toroq, bankini u postijiet pubbliċi bil-għan li nkomplu nsebbħu il-lokalita' tagħna. Ix-xogħol infrastrutturali mhux ħa jkun biss xogħol fuq bankini u toroq iżda fuq numru ta' djar. Flimkien mal-gvern ċentrali inkomplu naħdmu sabiex naraw li s-sitwazzjoni fil-Housing Estates tkun waħda xierqa.

**Ambjent, widien u perfiferiji**
Il-Kunsill Lokali il-ġdid ser ikompli jagħti attenzjoni lill-Ħarsien tal-Ambjent. Ħa nkomplu naħdmu sabiex iċ-ċittadini Qriema jgħixu f'ambjent nadif u aħjar.

Ser inkomplu nsebbħu il-ġonna u l-*playing fields* u bil-għajnuna tal-gvern ċentrali ser nassiguraw li r-residenti li jgħixu viċin il-widien ikunu imħarsa u integrati.

**Ordni Pubblika u traffiku**
Bil-għajnuna tal-pulizija  irridu nassiguraw li s-sigurta' fil-lokalita' tagħna tissaħħaħ u dan sabiex it-tfal, il-familji u l-anzjani jħossuhom protetti fil-lokalita li fiha jgħixu.
Kunsill Lokali ġdid ser ikun qed jaħdem fuq it-tqegħid ta' *cameras* tas- sigurta' sabiex innaqsu il-kriminalita' u l-abbużi.

F'dak li għandu x'jaqsam mat-traffiku, naħdmu sabiex jitwaħħlu aktar *traffic lights* u *belisha lights*.

**Edukazzjoni**
Kunsill lokali ġdid ħa jkollu sehem dirett fl-edukazzjoni taċ-ċittadini Qriema. Qasam li huwa l-bażi li fuqu tinbena soċjeta' tajba u soċjeta' aħjar.

Ħa nkomplu naħdmu mal-iskejjel fejn magħhom norganizzaw  attivitajiet edukattivi li jagħtu opportunitajiet ġodda lit-tfal tagħna.

Permezz tat-tagħlim li ser ikun qed jipprovdi l-Kunsill ħa nkomplu niġġieldu l-illitteriżmu tradizzjonali u dak teknoloġiku fil-lokal tagħna. Fl-istess ħin ha nibqgħu nipprovdu għajnuna edukattiva lil min qed ifalli fl-istudji tiegħu.

Kunsill Lokali ġdid ser iwaqqaf inizjattiva ġdida ta' *job shadowing* fejn ħa jkun qed jagħti esperjenza ħajja/reali liż-żgħażagħ tagħna fid-dinja tax-xogħol. Ser naħdmu ukoll fuq inizjattivi li jmorru lil hinn mill-edukazzjoni formali fosthom *parenting skills*.

Attenzjoni ser tibqa' tingħata lill-librerji pubbliċi fejn permezz ta' kampanji edukattivi ser nkomplu nippromwovu l-importanza tal-qari.

**Il-kultura, turiżmu, ġemellaġġi, Eu Funding u wirt storiku**
Ħa nkomplu nassiguraw ll tirrenja l-għaqda fil-lokalita' tagħna u dan billi jiġu organizzati aktar attivitajiet kulturali b'kollaborazzjoni bejn l-għaqdiet taż-żewġ parroċċi. Il-Kunsil Lokali ħa jkompli jgħin lill-għaqdiet li jaħdmu qatiegħ matul is-sena kollha biex jżommu ħajja il-kultura fil-lokalita tagħna u hawnhekk irrid nagħmel rimarka li bħala kunsill għandna nkunu grati lejn l-għadd ta' ċittadini li jagħtu sehemhom fil-volontarjat sabiex jagħmlu lill-lokalita tagħna fost l-aktar, jekk mhux l-aktar attiva matul is-sena kollha.

Ser nkomplu nkunu il-vetrina li tesponi t-talent kbir Qormi permezz ta' għajnuna sabiex jittellgħu għadd ta' wirjiet, produzzjonijiet u attivitajiet kulturali matul is-sena kollha. Aktar ħidma ħa tkompli issir biex jibqgħu jissaħħu l-attivitajiet li diġa huma sinonimi mal-Belt tagħna, bħal Festival tal-Ħobż u tal-Inbid.

Liema attivitajiet jkomplu jsaħħu l-identita ta' Beltna u jattiraw aktar turisti lejn il-lokalita' tagħna. Filwaqt li nsaħħu l-kuntatti internazzjonali preżenti, permezz ta' ġemellaġġi irridu nibnu kuntatti internazzjonali ġodda biex iċ-ċittadini Qriema jingħataw esperjenzi f'pajjiżi barranin u b'dan il-mod nkomplu nsaħħu l-identita' tagħna mhux biss lokalment iżda anke f'pajjiżi oħrajn.

Irridu naħdmu sabiex naħtfu l-opportunitajiet li hemm barra billi nibbenifikaw minn fondi speċifiċi tal-UE u nitulizzawhom bl-aħjar mod għall-lokalita' u ċ-ċittadini tagħna. Fl-aħħarnett, l-identita qormija ħa tkompli tissaħħaħ b'aktar ħarsien lejn il-wirt storiku Qormi. Inkomplu naħdmu sabiex jiġu irrestawrati il-kappelli, sqaqien u żoni fil-lokalita' tagħna li l-valur tagħhom huwa imprezzabbli.

**Ħarsien soċjali, anzjani u persuni b'diżabilita'**
Irridu nassiguraw li nagħtu ħajja aħjar lil dawk il-familji li ta' kuljum jgħixu jew imissu mal-faqar. Fl-istess ħin nħarsu u noffru l-għajnuna lil dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjeta' tagħna. Il-persuni b'diżabilita li jgħixu fil-lokalita' tagħna jixraqilhom attenzjoni partikolari. Kull attivita' li jorganizza il-kunsill trid tkun aċċessibbli. Irridu nassiguraw l-persuni b'dizabilita' ikollhom integrazzjoni shiha mal-kumplament tac-cittadini. Bl-istess mod, l-anzjani tagħna għandhom iħossuhom utli u parti mill-kumplament tas-soċjeta'. Irridu ninvolvuhom aktar u norganizzawlhom aktar attiviatjiet biex ma jħossuhomx f'solitudni.

L-anzjani tagħna għandhom iħossuhom protetti f'darhom u dan billi aħna nipprovdu aktar kameras tas-sigurta' u permezz ta' aktar viġilanza mill-pulizija.

**Sports u Żgħażagħ**
Kunsill Lokali ġdid ħa jkompli jaħdem biex jiġbed lejh aktar żgħażagħ u dan permezz ta' aktar sotto-kumitati u ta' *Youth Empowerment*. Irridu niġbdu lejna lil żgħażagħ li jħossuhom emarġinati mill-kumplament tas-soċjeta.

Issa li f'dan il-Kunsill iż-żgħażagħ għandhom rappreżentanza qawwija, irridu tassew nindirizzaw il-bżonnijiet tagħhom. Ħa nkomplu naħdmu qrib l-għaqdiet sportivi u nagħmlu enfażi fuq l-importanza tal-isports. Irridu nkomplu nħeġġu lit-tfal sabiex jissieħbu fin-nurseries tal-futbol, basketball, hockey u atletika filwaqt li nagħtu l-għajnuna lil clubs tal boċċi, tal-plattini u tac-cycling.

Permezz ta' kampanji edukattivi titqajjem aktar kuxjenza dwar il-benefiċċju tal-isports u *healthy lifestyle* f'ħajjet t-tfal u ż-żgħażagħ.

Wasalt biex nagħlaq dan l-ewwel diskors tiegħi fil-bidu ta' din il-legislatura bħala Sindku ta' Ħal Qormi. Bħala Sindku ħa nwiegħed li bl-enerġija tiegħi, bl-għajnuna t'Alla u l-qaddisin protetturi tagħna San Ġorġ u San Bastajn ħa nkun qed nmexxi dan il-Kunsill b'serjeta u impenn.

Ninsab entużjasta sabiex flimkien magħkom kollha bħala *team* wieħed b'impenn u serjeta nwettqu tlett snin ta' ħidma u ta' servizz. Fiduċjuża li kull wieħed u waħda minnkom ser tkunu qed taħdmu primarjament fl-interess tal-Belt tagħna Hal Qormi.
L-aħħar u mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja lill-familjari u lill-persuni qrib tagħna talli kienu u bla dubju ta' xejn ħa jibqgħu ikunu b'paċenzja kbira ta' sostenn matul dawn is-snin li ġejjin.

**DISKORS MILL-VIĊI-SINDKU**

Is-Sindku stiednet lill-Viċi-Sindku sabiex jindirizza lil dawk preżenti. Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina, irringrazzja tal-istedina u tenna li xtaq jagħmel kelmtejn sabiex jawgura lill-Kunsill il-ġdid il-ħidma t-tajba u kompla li huwa jittama li dan il-Kunsill ikompli jaħdem fuq is-suċċessi li nkisbu mill-Kunsilli preċedenti.

**01/04 MOZZJONI - ĦIN TAS-SEDUTA**

**Is-Sindku** stiednet qbil fil-Kunsill sabiex is-Seduta tibda ssir kull l-ewwel Tnejn tax-xahar u għal dan il-għan ressaq din il-mozzjoni.

"Nipproponi li x-xogħol tal-Kunsill (Seduti) għandu jsir kull l-ewwel Tnejn ta' kull xahar fis-7.00 ta' filgħaxija."

**Kunsillier Charles Farrugia** issekonda din il-mozzjoni .

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**01/05 ASSENJAZZJONI TAR-RESPONSABBILTAJIET LILL-KUNSILLIERA**

L-assenjazzjoni tar-responabbiltajiet lill-Kunsilliera ser issir fil-laqgha sussegwenti.

**01/06 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar tat-Tnejn 16 ta' April 2012 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:35 ta' fil-għaxija.

**Rosianne Cutajar**
**Sindku**

**Kenneth Brincat**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)